# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 750/20TA**

**Mousa Aghil pro et noe**
**Vs**
**Fatih Pancir et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-10 ta' April 2024 tas-Soċjeta' rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' Mousa Aghil tat-2 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Dak li qed tfittex is-Soċjeta' rikorrenti bir-rikors odjern huwa li din il-Qorti tisfilza r-referenzi kollha tax-xhieda jew verżjonijiet mogħtija mill-konjuġi Davies. Dawn kollha jinsabu fil-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati numru

451/2015 u dak tal-Appell numru 455/2017 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Fatih Pancar.

Il-Qorti qrat b'reqqa d-duttrina ċitata mill-konvenut liema duttrina ma hiex preċiżament applikabbli għaċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti. Qabel xejn, l-atti li qed jsemmi l-konvenut jagħmlu parti minn proċess li ġiet ammessa l-allegazzjoni tiegħu permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti tat-23 ta' Frar 2022. Dan id-digriet ma ġiex appellat u lanqas intalbet rikonsiderazzjoni tiegħu.

Sena wara, il-konvenut irid li kemm ix-xhieda u kif ukoll il-verżjonijiet mogħtija mill-konjuġi Davies jiġu sfilzati. Il-Qorti taqbel mija fil-mija li l-kontroeżami ta' xhud huwa sagrosant. Il-konvenut qiegħed jilmenta li huwa ser ikun imċaħħad minn dan id-dritt. Żgur mhux f'dawn il-proċeduri, għaliex il-konjuġi Davies qatt ma xehedu.

Kwantu għax-xhieda tagħhom fil-proċeduri kriminali l-kontroeżami tagħhom sar mill-assigurat tagħhom, akkużat f'dawk il-proċeduri. Di fatti l-konjuġi Davies ġew kontro-eżaminati fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2015. Għalhekk, konsapevoli li dawn kienu xhieda barranin, għamel sewwa l-avukat tal-konvenut (akkużat f'dawk il-proċeduri) li ħataf l-okkażjoni li jikkontro-eżaminaħom b'hekk tassew evita l-preġudizzju li jibqa' mingħajr kontro-eżami.

Huwa minnu li s-Soċjeta' rikorrenti ma kinitx parti għal dawn il-proċeduri. Kikeu riedet setgħet faċilment tikkostitwixxi lilha nnifisha parte ċivili. Jekk ma kinitx taf b'dawn il-proċeduri kien nuqqas ta' l-assigurat tagħha li ma għarrafhiex għalkemm din il-Qorti ssibha diffiċli biex temmen li s-Soċjeta' rikorrenti ma kinitx taf bihom.

Tajjeb li jingħad, li dawn it-talbiet qed isiru sena wara li ngħata d-digriet fuq imsemmi meta kif ingħad ma sar ebda appell minnu jew din il-Qorti ntalbet li tirrikonsidra għalkemm huwa veru wkoll li dan l-appell jista' jsir mas-Sentenza finali.

Fir-rikors tagħha s-Soċjeta' rikorrenti anke targumenta bil-qawwa li l-azzjoni penali hija għal kollox distinta u separata minn dik ċivili. Dan irid jinftiehem li jfisser, li l-eżitu tal-proċeduri penali mhux bilfors iwasslu għall-istess riżultat fil-kamp ċivili pero' dan lanqas ma jfisser li l-provi f'dak il-proċess ma jistgħux jitressqu f'dawk ċivili. Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini ta' l-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra.

Il-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Briffa v. Abela, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003**, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova

importanti". U fis-**Sentenza fl-ismijiet Xuereb v. Micallef, deċiza fis-26 ta' Novembru 1923** *kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale".* Fil-waqt li **l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Degabriele -vs- Montebello, deċiża fit-28 ta' Jannar 2010,** b'adeżjoni ta' ġurisprudenza anterjuri, qalet li "*ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provediment kriminali*", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għal esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Dik il-Qorti enfasizzat, pero', li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, is-**Sentenza fl-ismijiet Pace v. Camilleri, deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2007**).

Pero' hemm ukoll żewġ konsiderazzjonijiet oħra importanti li jridu jsiru. L-ewwel waħda li kieku t-talba tas-Soċjeta' rikorrenti tintlaqa', il-Qorti tkun qiegħda effettivamnet iċċaħħad inġustament lill-Atturi minn din il-prova di fronte tal-konvenut l-ieħor. It-tieni, li f'kull każ fejn Soċjeta' Assiguratriċi tkun parti f'kawżi bħal dawn, kemm jekk bħala konvenuta jew anke bħala intervjenti u dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti jkun milqugħ, ikun qed jinfetaħ bieb biex tali talbiet jintużaw bħala strataġemmi biex iċaħħdu lill-parti danneġġjata f'kawżi ċivili għad-danni minn provi li jista' jkollom piż qawwi

dwar ir-responsabbilita' tad-danneġjat u ċioe' l-assikurat tas-Soċjeta' intimata.

Fl-aħħar nett ma hemm xejn xi jżomm lis-Soċjeta' rikorrenti milli tindaga ma' l-Awtoritajiet li kkonduċew l-investigazzjoni biex tipprova tikseb l-indirizz tax-xhieda in kwistjoni biex jekk trid tressaqhom bħala xhieda f'dawn il-proċeduri. Imma l-fatt li dawn illum ma humiex preżenti Malta u forsi anke ma jistgħux jinstabu m'għandux iwassal għal dik is-Soċjeta' rikorrenti sakemmm ma jkunx ipprovat li dan seħħ tort ta' l-Attur, li minn imkien mill-atti ma jirriżuta li dan huwa l-każ.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tal-konvenut fir-rikors tiegħu ta' l-10 ta' April 2024.

**Illum, 16 ta' Mejju 2024**

**Onor. Imħallef Toni Abela LL.D.**